Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10586 — MGL / MSP / O'CONNOR / MCLAREN RACING)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 120/07)

1. Fis-7 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— UBS O'Connor LLC ("O 'Connor", l-Istati Uniti tal-Amerka), ikkontrollata minn UBS AG ("UBS", l-Iżvizzera);

— MSP Racing Holdings, L.P. ("MSP", l-istati Uniti tal-Amerka);

— McLaren Group Limited ("MGL", ir-Renju Unit), ikkontrollata minn Bahrain Mumtalakat Holding Company B.S.C.(c) ("Mumtalakat, Bahrain);

— McLaren Racing Limited (il-joint venture, "JV", ir-Renju Unit).

O'Connor, MSP u MGL (flimkien, il-"Partijiet Notifikanti") jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab tal-impriża bi sħab (joint venture) (it-"Tranżazzjoni").

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' kuntratt jew ta' xi mezz ieħor.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— O'Connor: konsulent tal-investiment ibbażat fl-Istati Uniti tal-Amerka li jipprovdi servizzi ta' konsulenza dwar l-investiment lill-klijenti tiegħu, li jinkludu fondi ta' investiment u investituri sofistikati,

— MSP: ditta privata ta' konsulenza dwar l-investiment ibbażata fl-Istati Uniti tal-Amerka li tiġġestixxi investimenti f'timijiet sportivi professjonali, kampjonati, u negozji fl-ekosistema sportiva,

— MGL: kumpanija azzjonista għall-attivitajiet kummerċjali tal-grupp McLaren. In-negozju tal-grupp McLaren jikkonsisti f'żewġ diviżjonijiet ewlenin, jiġifieri (i) McLaren Automotive Limited, fornitur ta' karozzi lussużi ta' prestazzjoni għolja; u (ii) l-JV,

— il-JV: l-iżvilupp, il-produzzjoni, it-tlielaq u l-kummerċjalizzazzjoni b'rabta mal-parteċipazzjoni tagħha fl-isport motorizzat tal-Formula 1. Minbarra n-negozju tagħha tal-Formula 1, McLaren Racing hija attiva wkoll f'kampjonati oħra tal-isport motorizzat bħas-Serje IndyCar ibbażata fl-Istati Uniti tal-Amerka fejn McLaren Racing attwalment tikkoopera mat-tim tat-tlielaq Amerikan *Arrow McLaren SP*, u tipprovdilhom appoġġ tekniku.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi speċifikata dejjem:

M.10586 — MGL / MSP / O'CONNOR / MCLAREN RACING

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 ("ir-Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË